# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 30 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 19.**
**Citazz. Nru. 1332/00 JRM**

**FOGG INSURANCE AGENCIES Ltd ghan-nom u in rapprezentanza ta' NORWICH UNION INTERNATIONAL INSURANCE Ltd, u kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal- assikurat taghha ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta**

**vs**

**Spiridione D'AMATO.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-karozza ta' Pio Galea, numru ta' registrazzjoni ABG 659 hija assikurata 'comprehensive' mas-socjeta' attrici;

Illi fit-30 ta' April 1999 l-imsemmija karozza kienet misjuqa minn ibnu Paul minn Paola Hill meta karozza KAM 723 misjuqa mill-konvenut kienet gejja warajh fl–istess direzzjoni u dahlet fil-parti ta' wara tal-karozza ta' Pio Galea;

Illi l-kollizzjoni grat b'tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, traskurgni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi d-danni sofferti jammontaw ghal elf mitejn u erba' liri maltin u tmienja u tletin entezmu (Lm1204.38c) oltre Lm25 excess li hallashom l-assikurat;

Illi l-konvenut interpellat ihallas, naqas li jaghmel dan u ghalhekk saret din il-kawza;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u dispensat mis-smigh skond l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ghaliex m'ghandhiex:

1. Jigi dikjarat li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-imsemmija kollizzjoni li grat b'tort unikament tieghu;

2. Jigi l-konvenut ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1204.38c oltre l-imghax legali, danni li hija soffriet u hallset skond il-polza;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni u dan billi l-konvenut jitqies responsabbli unikament tal-incident li sehh fit-30 ta' April, 1999; billi tillikwida l-hsara minnu kawzata fil-vettura tal-assikurat tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mitejn u erba' liri maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1204.28c) ; u billi tikkundannah ihallas is-somma hekk likwidata bhala danni. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali b'effett mill-24 ta' Jannar, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar, 2001.**

*30 ta' Jannar, 2001.*